**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com   TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt   FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 5-11

**Data: 23** ta' Gunju 2011

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier - skuzat

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 4.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Pjanti ghac-Centru Civiku

Mir-rispons tan-nies waqt il-laqgha pubblika li saret it-Tnejn 6 ta' Gunju 2011, is-Sindku qal li sar qbil li jitla sular iehor biex b'hekk il-Kunsill, flimkien mar-residenti ikunu jistghu jiehdu l-uzu massimu ta' din il-binja. Ghalhekk gie diskuss sabiex is-sular ta' taht tigi biss zona ta' parking, is-sular ta' fuqu, jigi kif propost diga u l-ewwel sular isir day centre ghall-anzjani.

2.2 Programm Konfini

Il-Programm konfini sar, il-Kunsilliera Maria Sultana ma setghetx tattendi ghall-programm minhabba impenji ohra. Il-Vici Sindku s-sur Norbert Grech tkellem fuq il-qasam tal-isports, il-Kunsilliera Speranza Chircop tkellmet fuq il-korsijiet tax-xoghol tal-idejn li jigu organizzati matul iz-zmien u l-Kunsillier Roderick Mizzi tkellem fuq il-qasam tal-IT u l-Librerija. Is-Sindku tkellem fuq ix-xoghol li l-Kunsill ikun qieghed jaghmel matul is-sena kollha. Il-programm ser jitnwera nhar it-8 t' Awwissu 2011.

2.3 Memo 43/2011

Dwar l-applikazzjoni ghall-iskema dwar l-Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet, l-Vici Sindku qal li ser ihejji programm ghall-din l-iskema sabiex meta tiftah l-applikazzjoni l-Kunsill ikun jista japplika.

## 3. Korrispondenza.

3.1 Memo 52/2011

Id-Dipartiment ghall-Kunsilli Lokali hareg Memo 52/2011 li tikkonsisti fi proposti mressqa mill-Kunsilli Lokali ghall-attivita ghall-Car Free Day li ser issir nhar it-18 ta' Settembru 2011. Il-Kunsill huwa mheggeg li jorganizza diversi attivitajiet fil-pjazza tal-lokal fejn din tinghalaq ghat-traffiku. Gie suggerit sabiex isiru loghob ghat-tfal, loghob tal-football, loghob tat-tennis, sehem ta' kantanti u artisti.

## 4. Attivita Puttinu.

Il-programm ghall-attivita festa familja Puttinu Cares li ser issir nhar is-16 u 17 ta' Lulju 2011 issa gie ffinalizzat. Is-Sibt filghaxija ser issir serata mid-DJ Kalkariz, John Muscat. Il-Hadd filghodu ser ikun hemm il-quddiesa ccelebrata fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali u wara jkun hemm il-Giro di Kalkara bir-roti. Filghodu wkoll ser tkun ghaddejja Car Wash fl-area ta' Bighi. Filghaxija il-festa familja tkompli permezz tal-kuncert mill-Mro Joe Brown u l-kantanti tieghu u pprezentat mid-Dj Kalkariz Twanny Scerri. Ser ikun hemm ukoll loghob ghat-tfal tul iz-zewg serati.

## 5. Bus Shelter.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-Bus Shelter. Huwa qal li minn stharrig li sar gie konkluz li kienet Transport Malta li ordnat lill-kumpannija Faces, li hija responsabbli tal-manutenzjoni tal-Bus Shelters sabiex tnehhi l-Bus Shelter li hemm fil-Pjazza Misrah Arcisqof Gonzi. Is-Sindku qal li wara diskussjonijiet ma Transport Malta dwar l-irregolarita li saret minnhom, gie deciz li dawn jergghu iwahhlu l-Bus Shelter nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2011. Fil-21 ta' Gunju 2011 il-Kunsill Lokali rcieva mandat ta' inibizzjoni mill-Qorti fejn jinghad li ma jista jsir l-ebda xoghol fuq il-Bus Shelter. Il-Kunsill Lokali qabel b'vot unanimu li f'din il-pozizzjoni, l-istess Kunsill lest li jipprocedi bil-protest gudizzjarju.

## 6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti u xogholijiet

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 05/2011.

6.1 Il-latrina pubblika kwazi tlestiet.

6.2 Saru u tlestew il-fanali fi Triq is-Salvatur li dawn ser jigu ffinanzjati mill-Awtorita' tad-Djar bi qbil maghhom.
6.3 Ix-xoghol ta' tisbieh fl-iskola primarja miexi b'rittmu tajjeb.
6.4 Gie deciz b'approvazzjoni unanima li l-Kunsill Lokali japplika ghall-bini tal-latrina pubblika fil-bajja ta' Rnella.
6.5 Dwar l-ilma niezel fil-bajja ta' Rnella, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-art minn fejn hi gejja l-hsara taqa taht ir-responsabbilta' tal-Cottonera Waterfront, ghalhekk dawn ser jigu kkuntattjati sabiex jiehdu hsieb li jwaqqfu l-inkonvenjent ikkawzat mill-hsara.

## 7. <u>Aggornament</u>

7.1 <u>Il-Vici Sindku Norbert Grech qajjem dawn il-punti:</u>

a. Jerga jigi kkuntattjat il-kuntrattur tal-knis dwar il-hmieg li hemm fi Triq Santu Rokku u San Leonardu.
b. Tinzebah ir-roundabout tal-pjazzetta fi Triq Santu Rokku.
c. Fit-telgha ta' Ricasoli hemm hafna hmieg. Is-Sindku qal li barra li jigi kkuntattjat il-kuntrattur sabiex inaddaf dik l-area, ikun aktar ideali kieku jsir cint mal-genb tat-Triq sabiex jonqos l-abbuz minn dawk in-nies li jiefqu jarmu skart goff f'din l-area.
d. Pots ta' Triq il-Missjoni Taljana ghandhom bzonn tindifa.

7.2 <u>Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:</u>

a. Isiru s-sinjali fil-ground tal-iskola.
b. Jitnaddfu l-konki tal-palm tad-dahla tal-kalkara mill-haxix hazin.
c. Il-problema tal-hmieg tal-klieb.

7.3 <u>Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:</u>

a. Ir-residenti ta' Triq Rinella qabel in-nizla tal-bajja qieghdin jilmentaw bl-istorbju tal-karozzi f'kull hin tal-gurnata.
b. Jizdiedu s-slielen fil-bajja ta' Rnella.
c. Jitpoggew il-pots fi Triq Santa Filumena.

Is-seduta ghalqet fis-7.30 ta' filghaxija.

M.Cohen — S Galea Iriele
Sindku — Seg Ezekuttiv

**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

# AGENDA

## Seduta nru 06/11

Ser issir seduta tal-Kunsill Lokali nhar il-Hamis 28 ta' Lulju 2011 fil-5.30 ta' filghaxija fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali b'din l-Agenda.

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Skemi ta' finanzjament ghall-Kunsilli Lokali
5. Approvazzjoni tal-lista ta' pagamenti u xogholijiet
6. Aggornament

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

Is-Seduta miftuha ghall-attendenza tal-pubbliku